PDF Compressor Pro



Dr Joseph Grech, President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella jidher jippreżenta rigal lil wieħed mill-Bandisti, Nazzareno Galea. Jidhru wkoll mix-xellug John Cauchi, John Farrugia u Mro Joseph Vella

Bandisti mogħtija ġieħ

Sitt bandisti anzjani tas-Soċjetà Filarmonika La Stella tal-Belt Victoria ġew uffiċjalment dikjarati Bandisti Onorarji tas-Soċjetà bħala għarfien tas-servizz twil u disinteressat li taw għal bosta snin. Il-bandisti, M'Angelo Formosa, Sunny Galea, George Mercieca, Saviour Fenech, M'Angelo Saliba u George Farrugia, ingħataw dan il-ġieħ, flimkien ma' rigal, mill-President tas-Soċjetà, Dr Joseph Grech, waqt il-Kunċert Sinfoniku annwali tal-Banda La Stella li sar fit-Teatru Astra.

Tliet bandisti oħra, Nazzareno Galea, John Farrugia u John Cauchi, ukoll ġew ippremjati u mogħtija rigal kull wieħed minn Dr Grech. It-tliet bandisti għadhom kif għalqu 50 sena jdoqqu mal-Banda Cittadina La Stella.

Xogħlijiet ta' restawr fil-Fortizza fil-Qala

Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Chris Said żar ix-xogħlijiet ta' restawr li qed isiru fil-Fortizza ta' Sant'Antnin mill-Kunsill Lokali tal-Qala, Għawdex, flimkien mal-għaqda Din l-Art Ħelwa. Said faħħar din l-inizjattiva, li se twassal biex dan il-wirt storiku, li kien ilu fi stat ta' abbandun u minsi, jerġa' jinġieb lura fl-istat li kien.

Permezz ta' dan il-proġett il-Kunsill Lokali tal-Qala gawda minn €71,000 f'għajnuna li ngħata mill-MEPA, Din l-Art Ħelwa u l-HSBC. Said faħħar dan ix-xogħol ta' restawr, li kien fdat f'idejn esperti fi ħdan l-għaqda Din l-Art Ħelwa taħt id-direzzjoni tal-Perit tal-Kunsill Lokali Edward Scerri, u żied jgħid li f'dan is-sit qed titwettaq biċċa xogħol kbira, speċjalment meta wieħed jiftakar l-istat mitluq li kienet tinsab fih din il-Fortizza.



Il-Fortizza ta' Sant'Antnin fil-Qala

Said appella lill-Kunsilli Lokali f'Malta u f'Għawdex biex jieħdu eżempju minn din l-inizjattiva ħalli jiġi ppreservat il-wirt storiku tal-lokalità tagħhom.



Dehra oħra tal-fortizza ta' Sant'Antnin minn angolu ieħor




Monica u Anthony Zerafa ma' binthom Sadie

L-ewwel tarbija li twieldet f'Għawdex għas-sena 2009

L-ewwel tarbija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (it-tieni fil-Gżejjer Maltin) għas-sena 2009 twieldet fit-3.35 ta' filgħodu.

Sadie, hija l-ewwel wild tal-koppja Monica, xebba Farrugia, mix-Xewkija u Anthony Zerafa minn Għajnsielem, Għawdex.

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Waqt il-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna

Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Parroċċa tal-Qala, organizzat il-54 edizzjoni tal-pellegrinaġġ tradizzjonali tal-muturi, roti u karozzi, mill-pjazza tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu.

Mal-wasla tal-pellegrinaġġ fil-pjazza tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni, sar it-tberik tal-vetturi u tqassmu rikordji lis-sewwieqa.



Il-Pellegrinaġġ kien eskortat mill-pulizija u warajhom kien hemm ir-roti



Xi muturi b'erba roti li ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna